MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 1829/2005/1

**Carmel Dalli**

**vs**

**Finesse Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Ottubru, 2005 fejn gie premess illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur s-somma ta' elf, mitejn u disa` u sittin Lira Maltin (Lm1,269) rapprezentanti *commission* dovuta minghand is-socjeta` konvenuta, versu l-attur, fuq merkanzija debitament mibjugha mill-istess attur, liema

ammont baqa` ma thallasx mis-socjeta` konvenuta lil-attur, ghalkemm hija giet interpellata permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Lulju 2005. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 29 ta' Lulju 2005, u bl-imghax legali mid-data ta' l-istess ittra legali kontra s-socjeta` konvenuta`, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tat-23 ta' Novembru, 2005 fejn gie eccepit illi l-konvenuta qieghed tirrespingi l-pretensjonijiet ta' l-attur ghas-segwenti ragunijiet : (1) preliminarjament jigi rilevat li l-attur kien impjegat tal-konvenuta, u t-talba tieghu hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2147 (C) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (2) minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid igib prova ta' l-ammont li qed jirreklama, (3) minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien li comission tkun dovuta lill-attur biss jekk ikun l-attur stes li jigbor il-hlas minghand il-klijenti tal-konvenuta, (4) sussidjarjament u minghajr pregudizzju jigi sottomess illi jekk it-talbiet ta' l-attur jintlaqghu, mill-ammont dovut ghandha titnaqqas somma dovuta mill-attur lill-konvenuta wara li hu addanduna l-impjieg tieghu qabel it-tmiem tan-notice period, F'dan ir-rigward il-konvenuta qieghda tipprezenta kontro talba. Bl-ispejjez.

Ra l-**Kontro Talba** tas-socjeta` konvenuta tat-23 ta' Novembru, 2005 fejn giet mitluba s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm225.26), jew somma verjuri, rapprezentanti ammont dovut minn Carmel Dalli ai termini ta' l-Artikolu 36 tal-Kap 452, wara li l-attur rikovenut abbanduna l-impjieg tieghu seba` gimghat qabel tmiem in-"*notice period*" tieghu. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-abbandun ta' l-impjieg.

Ra r-**Risposta** tad-19 ta' Dicembru, 2005 fejn gie eccepit illi ma huwa dovut l-ebda ammont

rapprezentanti ‘notice period’, kif allegat mis-socjeta` rikonvenjenti, fil-kontro-talba, taghha, u l-pretensjonijiet ta’ l-istess socjeta` huma ghalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta`.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhiedha kollha prodotti.

Ra n-noti tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi filwaqt illi l-attur qed jitlob il-hlas ta’ *commission* pretiza minnhu bhala dovuta lilu ghall-*sales* minhu maghmula meta kien fl-impjieg mas-socjeta` konvenuta, minn naha taghha, s-socjeta` konvenuta tichad illi ghandha thallas tali *commissions* mitluba u alta rminn hekk, permezz ta’ kontro-talba, is-socjeta` konvenuta qed titlob il-hlas tan-notice period li ma hadimx l-attur meta ttermina l-impjieg tieghu maghha.

**Joseph Scicluna**, prodott mill-attur ighid illi kien huwa bhala direttur tal-kumpanija li dahhal bhala impjegat lill-attur mal-istess kumpanija Finesse Limited, dan ta’ l-ahhar kien jaghmel xoghol ta’ salesman. Jghid li l-attur ma kellux paga fissa izda kien jithallas *on commission* basis ta sitta fil-mija fuq il-prodotti li kien ibiegh. Izid illi l-attur kien jithallas kull hmistax u kien jithallas la darba l-klijenti kienu jhallsu l-invoice taghhom, u kien hemm drabi fejn minhabba li l-klijenti ma kienux ghadhom hallsu l-invoice, Charles Dalli ma’ kienx jithallasx.

L-attur **Carmel Dalli** xehed illi kien ilu jahdem mal-kumpanija in kwistjoni ghal madwar sittax il-sena u jikkonferma li xoghlu kien ta’ *salesman* u li l-hlas tieghu kien a bazi ta’ *commission* ta’ sitta fil-mija u jghid li kien jithallas meta l-kumpanija tigbor il-flus

u mhux meta jikkonkludi n-negozju. Jispjega illi meta kienet tigi ssetiljata invoice fl-intier taghha biss illi l-*commission* dovuta kienet tigi mhallsa lilu. Kull hmistax kien jircievi parti mill-*commission* dovuta lilu. Jghid illi spicca mal-kumpanija f'Settembru 2004 u f'dina l-kawza qed jitlob *commissions* fuq sales konkluzi fil-perjodu tas-sajf tas-sena 2004.

Izid illi ghalkemm kien kellem lil wiehed mid-Diretturi dwar il-possibilita` illi jibda jinghata paga u commission, baqa` ma rceviex risposta. Kien hawnhekk illi nfurmahom illi kien ser jitlaq, pero` accetta illi jahdem matul is-sajf sabiex jinstab salesman iehor. L-10 ta' Settembru 2004 kienet l-ahhar gurnata li hadem mal-kumpanija in kwistjoni, u gie infurmat illi kien ser jithallas il-*commissions* kollha dovuti lilu. Rcieva pagament ta' mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) f'Ottubru 2004. Jghid illi Carmel Mallia, direttur tal-kumpanija, kien talbu biex ikellimhom kull l-ahhar tax-xahar u b'hekk jithallas dak dovut lilu.

Jikkonferma illi kien ivverifika ma' xi klijenti li gharrfuh illi pagamenti kienu qeghdin isiru, pero` s-salesman il-gdid kien zamm xi flus u dam biex ghaddihom lill-kumpanija. Pero` irrizultalu illi ghalkemm il-kumpanija dejjem infurmatu illi l-flus ghadhom ma ngabrux, pagamenti lill-kumpanija kienu fil-fatt qeghdin isiru.

Jghid illi l-ammont li qed jitlob wasal ghalih permezz ta` informazzjoni li gabar minghand klijenti. Izid illi s-socjeta` attrici kellha klijentala bhal lukandi li minhabba li ma jhallsux *cash on delivery*, dejjem jiehdu mad-90 gurnata biex jissetiljaw kont. Ghall-allegazzjonijiet illi kien hemm ftehim bejnu u bejn il-principal tieghu rigward xi paga jghid illi paga qatt ma kellu. Izid ukoll illi qabel telaq minn mal-kumpanija offra illi jigbor il-flus huwa stess, izda wara tlett gimghat gie mitlub illi jirritorna l-ktieb ta' l-invoices. Huwa

zied illi t-talba tieghu tirreferi ghall-dawk il-kazijiet fejn il-hlas sar lir-rapprezentant ta' warajh jew permezz ta' cekkijiet bil-posta.

Ra **Dok CD1** esebiti mill-attur, li jikkonsistu f'statements li gabar kif ukoll rendikont tal-*commissions* illi huwa qed jippretendi. Jghid illi ottjena l-informazzjoni relattiva billi avvicina lill xi klijenti. L-attur ighid illi l-*istatements* jirreferu ghall-perjodu ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta u hadem il-kalkolu billi ra s-*sales* relattivi tieghu, naqqas minnu l-VAT u hadem il-*commission* dovuta lilu. Naqqas id-deposit li kien ha fl-ammontt a' Lm150 u rrizultalu bilanc ta' Lm1269.80

**Emmanuel Mercieca** xehed illi kien *delivery man* mal-kumpanija Finesse Limited u ddikjara illi Carmel Dalli kien *sales representative* ma' l-istess kumpanija. Jikkonferma illi l-attur kien jithallas *on a commission basis*, igifieri meta l-klijenti jhallsu lilu jew lid-direttur jew lis-salesman. Izid illi l-attur ma kellux *vacation leave* jew *sick leave* u bonus, u meta kienu jitilghu jaghmlu d-deliveries Ghawdex kien jithallas biss tal-*commission*. Jghid illi diversi drabi sema` lill-attur u d-direttur jargumentaw verbalment dwar il-fatt illi ma kellux paga fissa.

**Ivyn Vella,** prodott mill-attur, stqarr illi kien impjegat tas-socjeta` konvenuta u li kien ha *handover* minghand l-attur. Jghid illi ghalkemm huwa kien jithallas paga u commission, jaf illi l-attur kien jithallas *commission* biss. Jiftakar illi l-imghallem kien talab lill-attur biex jaghmel hmistax ohra xoghol u li qallu 'dan nibqa` nafulek', u li kien ser jghaddilu l-*commission*. Jghid illi m'ghadux impjegat tas-socjeta` konvenuta minnhabba li ma kellux paga tajba.

**Anthony Saliba**, ukoll prodott mill-attur, xehed illi ghal xi zmien kien shab fis-socjeta` konvenuta, jikkonferma li l-attur kien driver imbaghad ha l-

posizzjoni ta’ salesman. Jghid ukoll illi kien jithallas bhalu cioe b’sistema ta’ *commission* ta’ sitta fil-mija fuq il-flus illi jingabru u meta ma jingabrux dawn jibqghu dovuti lejn is-salesman sakemm jingabru.

**Christopher Cachia** ikkonferma dan, u hu ukoll ex-impjegat tal-kumpanija Finesse Limited, izid illi meta darba tela` Ghawdex fuq xoghol u klijent hallas, l-imghallem Carmel Mallia qallu biex ma jitkellem xejn ma` l-attur Carmel Dalli. Jikkonferma wkoll illi gieli ra lill-attur u d-direttur jargumentaw rigward il-paga ta’ l-attur u jghid ukoll illi il-karozza li kieb jahdem biha l-attur ittehditlu.

**Mario Mercieca**, li ddikjara li kien accountant ma J.E.M. Limited li kienet topera s-San Pawl Hotel fejn Carmel Dalli kien jikkonsenja x-xoghol. Jghid illi l-attur diversi drabi qallu li kien jithallas on a *commission basis* u li ma kellu l-ebda sick leave, bonus jew paid leave. Stqarr illi l-attur qallu illi s-socjeta` konvenuta kienet taqtalu l-bolla mill-*commission* eppure ma kellux certu drittijiet bhala haddiem.

Xehed ukoll **Carmel Mallia**, direttur tas-socjeta` konvenuta flimkien ma huh George Mallia u jghid li pero` hu inkarigat mill-*management* ta’ kuljum tal-kumpanija. Jghid illi l-kumpanija tispeccjalizza fi prodotti tal-karti u fost il-klijenti hemm diversi lukandi. Jghid illi ghall-bidu l-attur kien *driver* pero` hu offrielu wara xi sentejn illi jiehu x-xoghol ta’ *salesman*, izid illi hu kien ftiehem mieghu rigward il-kundizzjonijiet tax-xoghol. Jghid li l-attur kellu liberta` kwazi assoluta ta’ kif iqassam ix-xoghol tieghu.

Jikkonferma illi l-attur kellu paga bbazat fuq 6% *commission* fuq il-pagamenti li kien jigbor. Jghid illi l-paga tieghu dejjem qabzat il-paga minima ta’ sittin Lira (Lm60) fil-gimgha. Jghid illi fil-5 ta’ Awissu 2004 l-attur infurmah li kien ser jettirmina l-

impjieg tieghu. Jghid illi ghalkemm suppost l-attur hadem 12 il-gimgha notice huwa hadem 5 gimghat biss. Jghid illi l-*commission* li qed jippretendi l-attur huma bejgh li ghamel hu pero mhumix fuq pagamenti li gabar hu, dan il-*commission* thallas lis-salesman ta' warajh.

In kontro-ezami izid illi ma jistax jghid kemm kien ilu mal-kumpanija qabel ma ha over hu. Jghid illi l-attur ma kienx jahdem iktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha, u jikkonferma illi l-attur gieli gibidlu l-attenzjoni li hu xtaq paga fissa, haga li l-kumpanija ma setghatx taffordja.  Ikkonferma wkoll illi l-*commission* kienet tinghata lill-attur jekk kemm il-darba jigbor il-flus, kif wkoll illi l-attur ma kellux sick leave. Carmel Mallia cahad illi l-kumpanija ghamlet xi memo sabiex l-attur ma jinghatax informazzjoni, jghid li l-unika memo kienet biex tinforma lill-impjegati l-ohra illi l-attur ma kienx ghadu impjegat mas-socjeta` konvenuta u li l-pagamenti m'ghandhomx jinghataw lilu peress illi kien ittermina l-impjieg tieghu.

Carmel Mallia ighid ukoll illi kien ikkuntattja lid-Dipartiment ta' l-Impjiegi, aktarx certu Lino Deguara, li dan assikurah illi la l-ftehim kien illi Dalli jithallas *commission* fuq il-pagamenti li jigbor, mhux fuq il-bejgh li jaghmel, huwa ma kellux drit ghal *commission* fuq pagamenti li ngabru wara li telaq, anke jekk il-pagamenti kienu jirreferu ghall-bejgh maghmul qabel. Esebixxa ukoll l-FS 3 ghas-snin 2003 u 2004 li jindikaw illi l-attur kien jithallas paga bazika ta' Lm63.25 fil-gimgha ghas-sena 2003 u Lm64 fil-gimgha ghas-sena 2005.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi qabel xejn it-Tribunal irid jissottolinea illi mhu kuntent xejn b'dak li rrizulta f'dawn il-proceduri dwar il-mod kif is-socjeta` konvenuta "timpjega" l-haddiema taghha – jew almenu kif ikkuntrattat mal-attur ghal snin twal ta' suppost impjieg.

Jirrizultaw skorrettezzi kbar fil-mod kif is-socjeta` konvenuta mxiet ma’ l-attur u jirrizulta ukoll ksur lampanti ta’ diversi ligijiet u regolamenti mhux biss tax-xoghol, izda ukoll relatati mas-sigurta` socjali.

Mhux kompitu tat-Tribunal – sakemm ma jimpingix fuq il-konkluzjonijiet tieghu – illi jidhol fid-dettal u jaghmel analzi ta’ dan hawn fuq stabbilit, izda sejjer jikkomunika din id-decizjoni lid-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali, lic-Chairman ta’ l-ETC u kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi Socjali ghall-ahjar attenzjoni taghhom.

Dan maghdud, it-Tribunal sejjer l-ewwel u qabel kollox jikkonsidra l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, ossia, dik tal-preskrizzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 2147(c) tal-KAP 16 – li tistipula perjodu ta’ sena ghall-azzjonijiet *tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta’ l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu*.

Filwaqt illi s-socjeta` konvenuta ssostni illi l-*commission* taghmel parti mill-paga ai termini tat-tifsira ta’ “paga” kif moghtija fil-KAP 452, mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal f’din il-kawza, it-Tribunal ma jistghax jiddeduci illi l-attur kellu paga. Tant hu hekk illi Carmel Mallia stess ighid “*konna miftehmin fuq il-commission u daqsekk*”, filwaqt illi jikkonferma illi lanqas beneficcji bhal *sick leave* ma kellu l-attur fl-hekk msejjah “impjieg” mas-socjeta` konvenuta. Il-*commission* kienet tithallas lill-attur kull hmistax u sakemm tibqa` fuq livell ta’ *commission* wahedha – dan it-Tribunal mhux propens illi jaccetta t-tezi illi l-*commission* tieghu kienet tifforma parti minn paga mhallsa kull xahar u ghaldaqstant kolpita bl-Artikolu 2147(c) citat.

A bazi ta’ dan, l-ewwel eccezzjoni relattiva ghall-prekrizzjoni ser tigi respinta – hekk ukoll, ghall-istess mottivi, kif ser tigi respinta l-kontro-talba.

Il-kontro-talba qed issir ghall-hlas tan-*notice period* mhux mahdum mill-attur. Carmel Mallia ighid illi l-attur hadem biss 5 gimghat notice minn 12 il-gimgha – u ghaldaqstant il-kontro-talba.

It-Tribunal, mill-provi kollha prodotti, ma jhossx illi mill-fatti specie li jirrizultaw f'dan il-kaz, ghandu jikkunsidra illi kien hemm relazjoni ta' mpjieg bejn il-kontendenti. Ma gew esebiti ebda dokumenti ufficcjali mill-ETC li juru kif l-attur kien registrat ma' Awotirta` kompetenti bhala dik, izda gew esebiti biss l-FS3 ta' l-attur ghas-snin 2003 u 2004.

It-Tribunal, meqjus tali FS 3 izda kkonfortat bix-xhiedha ta' l-istess partijiet oltre` tant xhiedha ohra, ihossu komdu jikkonkludi illi bejn il-partijiet ma kienx hemm relazzjoni kontrattwali ta' xoghol bejn principal u impjegat kif kellha tkun u kif inhi regolata bil-ligijiet tax-xoghol taghna. Mill-provi prodotti jkun aktar pacifiku illi jinghad illi kien hemm bejn il-partijiet relazzjoni kontrattwali fejn l-attur ibiegh prodotti tas-socjeta` konvenuta kontra kummissjoni fuq dak il-bejgh. Imma anke jekk kienet timtleta` u tintbaghat l-FS3, meta jirrizulta illi l-attur ma kellux paga fissa, meta l-attur ma kienx jircievi hlas fiss perjodikament, meta l-attur ma kellux sick-leave, bonuses statutorji, leave, allowances u tant attribwiti ohra illi jaghmlu minn kuntratt wiehed ta' impjieg, dan it-Tribunal ma jistghax jasal biex jikkonkludi illi bejn il-kontendenti kien hemm kuntratt ta' impjieg. Anke jekk fi kliem id-direttur tas-socjeta` konvenuta – "*il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' Dalli kienu, fl-opinjoni tieghi, tajbin hafna*".

Konsegwentament ser tigi rigettata il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta bbazata fuq relazzjoni ta' impjieg, li lil dan it-Tribunal ma tirrizultalux.

Jibqa` issa illi dan it-Tribunal jezamina jekk hux dovuti jew le l-kummissjonijiet mitluba mill-attur fl-ammont ta' Lm1269.

L-attur esebixxa numru ta’ invoices u dokumenti in sostenn ta’ dak minnhu riklamat. Is-somma pretiza, salv illi tigi ppruvata, ma tidhirx illi qed tigi kkontestata – qua quantum.

Illi qed jigi kkontestat mis-socjeta` konvenuta huwa illi l-ftehim bejn il-kontendenti dejjem kien illi l-commission tkun dovuta lill-attur biss jekk l-attur jigbor il-hlas tal-bejgh li jkun ghamel minn ghand il-klijent.

Minn naha tieghu, l-attur filwaqt illi jikkonferma illi l-hlas tal-*commission* tieghu kienet dovuta mal-hlas da parti tal-klijent, pero` ighid illi kien hemm ftehim illi huwa ser jithallas il-commission – “*meta fl-ahhar gurnata kellimthom fuq il-commission, qaluli li ma kinitx problema, jiena kont mxejt ta’ ragel maghhom u kienu ser ihallsuni l-commissions kollu li kienu dovuti lili.*”

Isostni ukoll illi meta kien icemplilhom dejjem gabulu l-iskuza illi l-flus minn ghand il-klijenti kienu ghadhom ma ngabrux u ghalhekk ma setghux ihallsuh, u wara illi kkonferma illi hlasijiet kienu qed isiru – huwa ikkomunika mas-socjeta` konvenuta u “*tawni pagament ta’ madwar Lm150.*” Jghid illi dan kien fl-ahhar ta’ Ottubru 2004 u fil-bidu ta’ Novembru 2004 Carmel Mallia kien tallbu biex ikellimhom kull l-ahhar jum tax-xahar sabiex “*sa dak in-nhar tkun inhaddmet il-commission skond il-flus li jkun ngabru u jhallsuni dak li jkun dovut lili*”.

Dwar dan l-istess Carmel Mallia ma ighid xejn u s-socjeta` konvenuta b’ebda mod ma gabet prova kontra dan il-ftehim ghajr biss ghal sentenza fix-xhiedha ta’ l-istess Carmel Mallia meta wara li sostna il-ftehim originali, ighid illi l-*commission* mitluba mill-attur hija fuq *sales* maghmula minnhu izda li l-hlas taghhom ingabar minn *salesman* iehor.

It-Tribunal jinnota pero` illi dwar l-ftehim msemmi mill-attur u maghmul ma’ Carmel Mallia stess dwar il-*commissions* li kienu ghadhom dovuti fuq hlasijiet li kienu ghad iridu jingabru mill-kumpannija, u aktar minn hekk illi l-istess Carmel Mallia kien talab lill-attur icempel kull l-ahhar tax-xahar sabiex jinhaddmu l-*commissions* dovuti skond l-introjtu f’dak ix-xahar, u aktar u aktar fuq il-hlas akkont ta’ Lm150 maghmula lill-attur f’Ottubru 2004 – is-socjeta` konvenuta ma ssemmi xejn - wisq anqas tikkontrarja tali ftehim kif allegat mill-attur.

It-Tribunal ghalhekk ma jarax ghaliex ma ghandhux, ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, jakkolja it-talba attrici.

Illi fuq kollox, tali ftehim maghmul fis-sens illi l-attur jithallas il-*commissions* fuq il-bejgh minnhu konkluz, taghmel sens fuq kollox legali peress illi tippremja lill-individwu ghax-xoghol minnhu maghmul in linea mal-prassi u n-norma illi kulhadd ghandu jithallas ghax-xoghol/servizz li jkun ghamel/rrenda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti u s-sottomissjonijiet kollha maghmula, b’ekwita` jaqta` jiddeciedi, billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u l-kontro-talba taghha, jilqa` l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta u finalment filwaqt illi jilqa` t-talba attrici jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lll-attur s-somma ta’ elfejn, disa` mija u hamsa u hamsin Euro u seba` u disghin centezmu (€2955.97) – gia Lm1269 - ghar-ragunijiet indikat fl-Avviz, bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz u bl-ispejjes kollha kontra s-s-socjeta` konvenuta.

> It-Tribunal qed jordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex jara illi kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lid-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali, lic-Chairman ta' l-ETC u kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi Socjali ghall-ahjar attenzjoni taghhom, kif hawn fuq jinghad.**"**

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza u tissottometti illi t-Tribunal naqas milli jinterpreta korrettement ir-rapport ezistenti bejnha u l-attur, liema rapport hi tikklassifikah bhala wiehed ta' impjieg regolat mill-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452). Is-socjeta` appellanti taghmel din is-sottomissjoni in kontestazzjoni tas-sentenza tat-Tribunal kemm biex issostni l-kontro-talba taghha illi l-attur kien tenut ihallasha s-somma pretiza ghan-*notice*, kif ukoll biex tafferma t-tezi taghha illi nonostante li r-retribuzzjoni percepita mill-attur kienet fil-forma ta' *commission*, l-istess kienet tekwivali ghall-paga;

Il-fatti essenzjali li johorgu mir-rizultanzi istruttorji huma brevement is-segwenti:-

(1) L-attur kien *salesman* mas-socjeta` konvenuta u ghall-prestazzjonijiet tieghu kien jircievi kommissjoni fil-percentwali ta' sitta fil-mija fuq ir-rikavat mill-begjh tal-prodotti tal-kumpanija;

(2) Hemm qbil generali, kompriz mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, illi l-attur ma kellux paga. Ugwalment, hemm qbil ukoll illi l-attur ma kellux la *bonus* u lanqas *vacation* jew *sick leave*. Dan hu hekk ikkonfermat mix-xhieda kollha, sija ex-impjegati jew ex-azzjonisti u ex-diretturi tal-kumpanija, kif ukoll hu ammess minn Carmel Mallia wiehed mill-azzjonisti/diretturi attwali ta' l-istess kumpanija. Di fatti, huwa jikkonfessa in kontro-ezami (fol. 88) illi "paga ma kellux", "ma kellux *sick leave*" u "lanqas *leave* ma kellu";

(3) Sinjifikanti wkoll dak iddikjarat mill-imsemmi Carmel Mallia fl-Affidavit tieghu (fol. 68) fis-sens illi ghalkemm skond hu l-attur kien fuq il-*payroll* tas-socjeta` konvenuta dan kellu liberta kwazi assoluta ta' kif iqassam

ix-xoghol tieghu “daqs li kieku kien jahdem ghal rasu”. Din id-dikjarazzjoni jaghmilha biex jissufraga l-assunt tieghu illi l-kundizzjonijiet tax-xoghol ta’ l-attur kienu tajbin hafna;

Fermi dawn il-fatti fil-qosor, is-socjeta` konvenuta qeghda ticcensura s-sentenza appellata fir-rigward ta’ l-interpretazzjoni li t-Tribunal akkorda lir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet, u cjoe illi dik ir-relazzjoni kienet wahda ta’ servizz ta’ xoghol awtonomu u mhux ta’ impjieg subordinat. Anke issa f’din is-sede is-socjeta` appellanti tkompli tinsisti illi l-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed ta’ impjieg. Biex taghti forza lil din id-deduzzjoni taghha s-socjeta` appellanti tirrikjama l-attenzjoni ghal dawn il-konstatazzjonijiet taghha mill-provi prodotti:-

(1) L-attur qatt ma kkontesta l-istatus tieghu ta’ impjegat;
(2) Huwa kien fuq il-kotba tal-kumpanija bhala impjegat u din kienet thallaslu l-bolla;
(3) L-attur kien jaghmel uzu mill-karozza tal-kumpanija u kien jaghmel *deliveries* flimkien ma’ impjegati ohra tal-kumpanija;
(4) Il-fatt li kellu hinijiet flessibbli u kien jithallas in via ta’ kummissjoni ma jfisserx li ma kellux kuntratt ta’ impjieg jew paga fissa, una volta li l-paga minima kienet iggarantita lilu;

Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi l-appell ma huwiex fondat u, anzi, issib li t-Tribunal iddispona b’mod oggettiv hafna mir-rizultanzi probatorji u l-interpretazzjoni tieghu hi wahda segwita b’mod adegwat fuq analisi ta’ l-elementi l-aktar sostanzjali tal-provi. Forsi in aggunta l-Qorti tista’ taghmel l-osservazzjonijiet li gejjin:-

(1) L-Artikolu 33 tal-Kapitolu 452 jipprevedi li “persuna tista’ tintrabat li taghti s-servizzi taghha ghal zmien imsemmi <u>jew</u> bla limitu <u>jew</u> dwar bicca xoghol, impriza, opra jew servizz imsemmijin”. It-tifsira imbaghad li l-Kapitolu imsemmi jaghti lill-kelma “<u>impjegat</u>” fl-Artikolu

2 tieghu hi dik ta' "persuna li tkun ghamlet jew tahdem taht kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li taghmel xi xoghol jew hidma ghal haddiehor, u taht id-direzzjoni u l-kontroll immedjat ta' persuna ohra, u tinkludi haddiem ta' barra, izda teskludi xoghol jew servizz moghti fi sfond professjonali jew bhala kuntrattur ghal persuna ohra meta dak ix-xoghol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz specifiku". Mid-dixxiplina normattiva tad-definizzjonijiet ulterjuri li jaghti l-Att, il-"kuntratt ta' servizz" jinkorpora fih, oltre s'intendi l-paga, il-"kondizzjonijiet ta' l-impjieg". Fil-kaz in ispecje huwa mill-ewwel trasparenti illi dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg skond it-tifsira tal-ligi ma jezistux fil-kaz ta' l-attur u r-realta` vera tar-rapport li kien jezisti ma kienx dak li johrog mill-kotba tal-kumpanija jew depinta mir-rapprezentanti taghha. Pjuttost, l-indikaturi li johorgu mill-fatti huma fis-sens illi r-rapport kien wiehed awtonomu u indipendenti;

(2) Din il-konkluzjoni hi msahha mill-konsiderazzjoni illi x-xorta ta' retribuzzjoni li kien jircievi l-attur ma kienetx tikkontempla ebda paga bazika fissa izda retribuzzjoni varjabbli kostitwita mill-percentwali ta' kummissjoni dipendenti fuq il-bejgh realizzat tal-prodotti u tas-somma migbura minn dak il-bejgh. Tant dan hu hekk illi l-attur appellat jiddikjara, mhux kontraddett, illi meta s-*sales* ikunu baxxi kien ikollu jirrifondi lura lill-kumpanija d-differenza bejn dak li jkun irceva bhala akkont tal-kummissjoni u l-ammont effettiv tal-kummissjoni dovut. (Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 19);

(3) Il-ligi, kif supplimentata mill-bosta Regolamenti maghmulin tahtha, tiffissa l-konnotati essenzjali tal-kondizzjonijiet ta' impjieg – *inter alia, sick leave* u *leave* annwali – u tiggarantixxi almenu il-minimu prevvist ghal dik li hi retribuzzjoni u r-regolarita u l-kontinwita ta' l-istess. Dawn, kif gja osservat, huma mankanti f'dan il-kaz u gjaladarba ma kien hemm ebda kuntratt ta' impjieg fis-sens tal-ligi, jikkonsegwi illi l-attur ma kienx lanqas obbligat li jaghti avviz ta' temm ta' impjieg a norma ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att;

(4) Proprju bl-oppost ta' dak ritenut mis-socjeta` appellanti, il-provi attendibbli, b'mod nett, jaghtu stampa differenti minn dik inkwadrata minnha tant li din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi l-fatti ma kienux jiggustifikaw l-appell mis-sentenza. Dan anke fir-rigward ta' l-ilment illi, una volta l-attur ma gabarx personalment ir-rikavat mill-bejgh, ma kienx dovut lilu l-hlas tal-kummissjonijiet minnu reklamat. Fuq il-punt qajla hemm x'izzid il-Qorti mal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, hlief forsi biex tikkummenta illi ma tistax ragonevolment u leggerment taccetta l-proposizzjoni tas-socjeta` appellanti illi la l-attur ma kienx hu stess li gabar il-flus minghand il-klijenti, ghax ma baqax jippresta servizzi ta' *salesman*, ma kienx intitolat ghal dak il-hlas. Din ir-rezistenza tas-socjeta` appellanti ma hijiex, fic-cirkustanzi, kondivizibbli, anke ghaliex "*omnia labor, optat premium*".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------